## FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
**IMHALLEF**
## ONOR. DR GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar, 2001.**

**Kawza Numru 6.**

**Citazzjoni Numru 815/97 GV.**

**Joseph u Mary konjugi Chetcuti**

**vs**

**Ruggier Holdings Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-atturi huma kredituri tad-ditta konvenuta fis-somma ta' erbghat elef lira Maltin (Lm4,000) skond skrittura datata 5 ta' Novembru, 1996 li saret quddiem in-Nutar Patrick Critien bejn Joseph Oliver Ruggier ghad-ditta konvenuta u l-attur Joseph Chetcuti, liema skrittura qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala dokument A u f'liema skrittura Joseph Oliver Ruggier ghad-ditta konvenuta obbliga ruhu li jhallas lill-attur s-somma msemmija sal-ahhar tas-sena 1996;

Premess illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u d-ditta konvenuta m'ghandha ebda eccezzjonijiet x'taghti ghal hlas tieghu kif anke jirrizulta minn affidavit tal-attur markat bhala Dok. B;

Premess illi nterpellata biex thallas l-ammont imsemmi permezz ta' ittra ufficjali datata 27 ta' Frar, 1997 id-ditta konvenuta baqghet inadempjenti;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti:

1. Prevja d-dispensa tas-smiegh ai termini tal-artikolu 167 u artikoli sussegwenti tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u prevja kull dikjarazzjoni ohra li tkun necessarja tordna u tikkundanna lid-ditta konvenuta thallas lill-atturi l-ammont ta' erbghat elef lira Maltin (Lm4,000);

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Frar, 1997 u bl-interessi minn din id-data sal-pagament effettiv.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tal-atturi;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tal-attur;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Rat in-nota ta' cessjoni tas-sorte;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta u billi s-sorte thallas wara l-prezentata tal-kawza, tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-atturi ghall-ispejjez.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**